**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE RIZZO B.A., LL.D.**

**Illum, it-3 t'Ottubru 2023**

Kaz Nru: 100/15

**IL-PULIZIJA**

(Spettur Herman Mula)

**kontra**

**MATTHEW BORG**

(Detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 5891(M))

**Il-Qorti:**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **MATTHEW BORG**, ta' erbgħa u għoxrin sena, iben Anthony u Karen Mary nee' Flattery, imwieled Ħaż-Żebbuġ nhar l-10 ta' Diċembru 1990, residenti ġewwa *White Horse Apartments*, Flat 1, Triq id-Duluri, San Pawl il-Baħar u detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 5891(M), senjatament akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fit-3 t'April 2015 u fis-sentejn ta' qabel din id-data:

1. kien fil-pussess tal-pjanta cannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur tal-artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

2. kien fil-pussess tar-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bazi din ir-raża bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-liġi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet ukoll mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali il-flejjes u l-proprjeta' mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkuzat jew huma proprjeta' tiegħu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-akkuzat milli jittrasferixxi jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjeta' mobbli jew immobbli, ai termini tal-artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni tal-Avukat Ġenerali datata l-4 t'April 2015, *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligjiet ta' Malta), li permezz tiegħu, ordna li l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti biex iwiegeb għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu[1];

Rat li fl-udjenza tal-15 t'April 2015, din il-Qorti ordnat l-iffrizar tal-assi tal-imputat a tenur tal-artikolu 22A tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u a tenur tal-artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, liema ordni ġie ppublikat fil-21 t'April 2015[2];

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-uffiċjal prosekutur a fol. 72 u 262 tal-atti proċesswali odjerni, permezz ta' liema ddikjara li l-imputat ghandu jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta tenut kont li "*permezz tal-kooperazzjoni tiegħu mal-pulizija tressqu l-Qorti iżjed minn persuna waħda*"[3].

Rat li nhar is-7 t'April 2021, fuq talba tad-difiza, din il-Qorti diversament ippreseduta assumiet il-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga a tenur tal-artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u rreferiet lill-imputat odjern quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga;

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjonijiet ta' Kawzi u Doveri datat it-28 ta' Lulju 2021, permezz ta' liema din il-kawza ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif inhi ppreseduta u l-ezenzjoni tal-partijiet mis-smigħ mill-ġdid tal-provi gia mismugħa minn din il-Qorti diversament ippreseduta[4];

[1] B'referenza għal fol. 8 tal-atti proċesswali.
[2] B'referenza għal fol. 16, 31 u 32 tal-atti proċesswali.
[3] Fol. 72 tal-atti proċesswali.
[4] B'referenza għal fol. 251 u 254 tal-atti proċesswali.

Rat li permezz ta' nota pprezentata fir-reġistru ta' din il-Qorti fis-17 t'Ottubru 2022, il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga nforma lil din il-Qorti li l-imputat odjern kien temm b'suċċess il-pjan ta' kura mħejji għalih.

Rat u semgħet ix-xhieda;

Rat l-atti proċesswali kollha tal-kaz odjern u d-dokumenti esebieti;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

In linea preliminari din il-Qorti, fl-ewwel lok, ser tgħaddi sabiex tanalizza l-piż probatorju li hija għandha tagħti l-istqarrija rrillaxata mil-imputat fl-istadju investigattiv u ċioe' fil-*pre-trial stage.*

L-istqarrija in kwistjoni ġiet irrillaxata mill-qua imputat nhar it-3 t'April 2015 u dan wara li l-istess Borg ġie mgħoti d-drittijiet spettanti lilu fil-ligi inkluz id-dritt tal-assistenza legali li dak iz-zmien li ttieħdet l-istqarrija u cioe' fis-sena 2015 kien limitat biss għal siegħa qabel jibda l-interrogatorju. L-imputat rrifjuta dan id-dritt. Minkejja dan kollu mill-atti processwali jirrizulta li Borg fl-ebda ħin ma ġie mgħoti d-dritt tal-assistenza legali waqt l-istqarrija (li ma jistgħa qatt jiġi ekwiparat mad-dritt tal-assistenza legali limitat għal qabel il-bidu tal-istqarrija). Minn analizi tal-atti processwali ma jirrizultax li kien hemm raġunijiet impellenti l-għaliex l-imputat ma ġiex mgħoti d-dritt għall-assistenza legali waqt l-istqarrija tant li fil-fatt gie offrut id-dritt limitat t' assistenza qabel l-istqarrija. Minn qari tal-istess stqarrija jirrizulta li l-imputat f'istanzi inkrimina lilu nnifsu b'referenza ghall-imputazzjonijiet migjuba kontrieh billi ammetta għal pussess fiziku tas-sustanzi huwa fl-ebda ħin ma ammetta għaċ-ċirkostanzi aggravati tal-istess imputazzjonijiet. Minn analizi tal-atti proċesswali ma jirrizultax li l-imputat ilmenta minn din l-istqarrija iżda minflok ħa l-pedana tax-xhieda u reġgħa kkonferma li għalkemm is-sustanzi kienu tiegħu dawn kienu intizi biss għall-użu personali u b'hekk innega ċ-ċirkostanzi aggravanti. Di piu' saret ukoll referenza għall-istqarrija fis-sottomissjonijiet finali magħmula mill-abbli difensuri tiegħu. Minn ħarsa lejn il-fedina penali jirrizulta li dan ma huwiex l-ewwel każ kriminali li kellu l-imputat iżda jirrizulta li kellu tlett każijiet oħra preċedenti relatati ma serq u b'hekk kien familjari biżżejjed mal-proċedura tat-teħid tal-istqarrija u anke proċeduri quddiem qrati tal-ġustizzja. Fl-aħħar net din il-Qorti tat piż ukoll għal fatt l-istqarrija rrillaxata mill-imputat ma hijiex l-unika prova mressqa mill-prosekuzzjoni fir-rigward tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrieh speċjalment in

kwantu għal dawk il-partijiet li jistgħu jkunu inkriminanti għall-imputat (l-ammissjoni dwar il-pussess tas-sustanzi relattivi) iżda hemm provi oħra.
B'hekk, din il-Qorti, wara li qieset il-principji stabbiliti fl-insenjament mgħoti fil-kaz **Beuze v il-Belgju** (App. Numru 71409/10) tad-9 ta' Novembru 2018, u l-prinċipji stabbiliti f'dawn l-aħħar snin permezz tas-sentenzi mgħotija mill-Qrati ta' ġurisdizzjoni Kostituzzjonali u anke Kriminali[5], din il-Qorti mhux ser tgħaddi sabiex tiskarta l-istqarrija tal-imputat fil-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar ir-reita o meno tal-imputat fir-rigward tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu b'dan li ser tagħmel referenza ampja għall-provi l-oħra mressqa mill-prosekuzzjoni sabiex jippruvaw il-każ tagħhom.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi mill-provi mressqa jirrizulta li nhar it-3 t'April 2023 għall-ħabta tas-sagħtejn u nofs ta' wara nofsinhar żewġ uffiċjali tal-pulizija li kienu qed jagħmlu patrol fl-inħawi ta' San Pawl il-Baħar, waqqfu lill-imputat, Matthew Borg, li kien għaddej bil-miexi minn Triq San Pawl l-għaliex fil-fehma tagħhom kien qed jaġixxi b'mod suspettuż[6]. Minn tfittxija li saret fuq l-imputat irrizulta li ġol but kellu:

- Sitt (6) pakketti suspettati droga cannabis grass;
- Sittin Ewro (Eur. 60) fi flus kontanti;
- *Mobile phone* u
- Rizla *papers*.

F'dak l-istadju huwa ngħata d-drittijiet spettanti lilu fil-liġi u ġie nfurmat li jeħtieġ li ssir tfittxija fir-residenza tiegħu. L-imputat ħadhom fir-residenza tiegħu minn jeddu li kienet ġewwa White House Flats, Flat 1, Triq San Ġorġ, San Pawl il-Baħar. Hekk kif wasslu f'din ir-residenza l-imputat minn jeddu għaddielhom is-segwenti oġġetti li kienu kollha fil-kamra tiegħu:

- Ħmistax-il (15) qartas bi droga suspettata cannabis grass fuq il-komodina;
- Borża kontenenti żerriegħa suspettata żerriegħa tal-cannabis;
- Sapuna suspettata raża tal-cannabis maqsuma f'ħames biċċiet li kienu kollha f'daqqa ġo borża waħda tal-*cat food;*
- *Crusher* li kien fuq il-gradenza;
- Miżien eletroniku; u
- Żewġ imwies bi traċċi.

[5] F'dan is-sens issir referenza ghas-segwenti sentenzi (izda mhux biss) Morgan Onourah vs L-Avukat tal-Istat (Qorti Kostituzzjonali), 27 ta' Jannar 2021, Ir-Repubblika ta' Malta vs Kevin Gatt et (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), (27 ta' Ottubru 2021), kif ukoll Christopher Bartolo vs L-Avukat ta' l-Istat Qorti Kostituzzjonali, (26 ta' April 2022); Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrew Mangion (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), (4 ta' Mejju 2022) u Emmanuele Spagnol vs Avukat Ġenerali u Kummissarju tal-Pulizija (31 ta' Mejju 2023).
[6] Ħadd mill-uffiċjali ma ta deskrizzjoni ta' dak li osservaw lill-imputat jagħmel.

Minkejja li l-pulizija komplew bit-tfittxija mar-residenza kollha huma ma sabu xejn iktar minn dak indikat lilhom mill-qua imputat. Fil-fatt l-uffiċjali tal-pulizija jixhdu u jikkonfermaw bil-ġurament li l-imputat wera kooperazzjoni sħiħa magħhom.

In segwietu għal din is-sejba ta' sustanza illeċita, l-uffiċjal investigattiv u prosekutur, l-ispettur Herman Mula, informa lill-Maġistrat Inkwerenti li min-naħa tagħha ordnat li ssir inkjesta u ħatret diversi esperti sabiex jassistuha, liema nomina ġiet għal kull bon fini kkonfermata minn din il-Qorti hekk kif ġiet ipprezentat il-proces verbal.

Dr. Martin Bajada ġie maħtur sabiex janalizza l-mobile phone tal-imputat. Huwa rrelata dwar l-inkarigu li kellu quddiem din il-Qorti fejn spjega li huwa kien fl-impossibilita' li jespleta l-inkarigu tiegħu tenut kont li l-mobile kien imsakkar u għaldaqstant ma setgħax jaċċessa l-informazzjoni miżmuma fuq l-istess mobile.

L-uffiċjali tax-xena tad-delitt – PS186 Mintoff u PS1395 Buhagiar – ikkonfermaw l-oġġetti li ġew elevati mingħand l-imputat, ikkonservawhom billi ttieħdu ritratti tal-istess u għaddewhom lix-xjenzat Godwin Sammut ai fini t'analizi.

Ix-xjenzat Godwin Sammut analizza s-sustanza u l-oġġetti relatati mad-droga misjuba fil-pussess tal-imputat, fejn ikkonkluda s-segwenti:

(a) *"Illi fuq l-estratti meħuda mis-sustanzi ta' lewn kannella li hemm fid-dokumenti 121_17_01 u 121_17_04 instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol (THC). Il-piż tas-sustanza kannella kien ta' 263.89 grammi u l-purita' kienet ta' ċirka 7.0%. Din is-sustanza tiġi mill-pjanta tal-kannabis u hija kkontrollata bil-liġi taħt Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;*
(b) *Illi fuq estratti meħuda mil-crusher li hemm fid-dokument 121_17_02 instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol (THC);*
(c) *Illi fuq estratt meħud mill-joint li hemm fid-dokument 121_17_02 u fuq swab meħud mill-miżien li hemm fid-dokument 121_17_03 ma nstabitx droga."*[7]

L-imputat b'mod volontarju u minn jeddu għażel li jieħu l-pedana tax-xhieda fejn spjega s-segwenti:

- Jagħmel referenza għat-tfulija diffiċli tiegħu u l-problemi kbar familjari li huwa kellu jaffaċċja minn eta' tenera. Jgħid ukoll li huwa kien beda jikkonsma d-droga mill-eta' tenera ta' tnax-il sena u li baqgħa għaddej fuq perjodu twil ta' żmien;
- B'referenza għal każ odjern jispjega li dakinhar huwa kien mar jiġbed xi flus kontanti mill-ATM ta' San Pawl il-Baħar u ezatt wara, waqt li kien miexi fit-triq u jpejjep sigarett kannabis, waqfuh żewġ pulizija pajżana

[7] Fol. 106 tal-atti proċesswali

għax xammu r-riħa tas-sigarett. Saqsewh jekk kellux xi ħaġa oħra fuqu, fejn huwa mill-ewwel għaddielhom sitt boroż li kellu fil-but. Jispjega li dakinhar kellu sitt boroż fil-but għax kien sejjer *party*.

- Jgħid li huwa kien informa lill-pulizija li r-residenza tiegħu kienet oltre dik identifikata fuq il-karta tal-identita' u prosegwa sabiex minn jeddu ħadhom fir-residenza fejn huwa kien jirrisjedi ma ommu.
- Meta wasslu l-pulizija fir-residenza, l-imputat jgħid li ħadhom mal-ewwel fil-kamra tiegħu u uriehom fejn kienu l-affarijiet relatati mad-droga.
- Jgħid li huwa ikkopera mal-pulizija tant li għaddielhom informazzjoni fuq nies oħra.
- Jgħid li dak iż-żmien mill-impjieg li kellu kien jaqla madwar disa' mija u elf ewro bejn wieħed u ieħor filwaqt li kien jonfoq fuq il-ħaxixa l-ammont ta' bejn is-sitt mija u seba' mija fix-xahar.
- Jgħid li l-miżien kien jużah sabiex jaqsam id-droga cannabis li kien jixtri ġo boroż u dan sabiex ikun jistgħa jkollu kontroll aħjar ta' dak li qed jikkonsma.
- In kwantu għas-sapuna tal-cannabis jgħid li din kien xtraha ma kinitx għoġbitu u ħalliha hemm għax ma tantx kienet itih pjaċir. B'hekk kien juzaħa biss meta ma kienx ikollu pjanta xi jpejjep.
- Jispjega li l-borża kontenenti żerriegħa kienet hemm għaliex ma kienx ipejjipha u jitfaħa ġo borża.
- Jikkonferma bil-ġurament li huwa qatt ma biegħ drogi u dan minkejja li kellu l-vizzju ta' konsum ta' droga għal diversi snin.
- Jispjega li llum il-ġurnata rnexxielu jdawwar ħajtu u llum għandu karriera li ttih sodisfazzjoni kbir tant li rnexxielu jilħaq manager ta' kumpanija tal-Fintech. Qed jagħmel ukoll Diploma in Business Management u reġgħa beda jinvolvi lilu nnifsu fl-isports.

**Ikkunsidrat:**

Illi permezz tal-imputazzjonijiet odjerni, Matthew Borg jinsab akkużat b'pussess aggravat kemm tal-pjanta tal-cannabis kif ukoll tar-raża tal-cannabis u cioe' b'pussess f'ċirkostanzi li jindikaw li d-droga ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.

Il-pussess xjenti taż-żewġ sustanzi ma huwiex ikkontestat mill-imputat. Fil-fatt huwa nstab mill-pulizija *flagrante delicto* fil-pussess tal-allegata pjanta tal-cannabis waqt li kien miexi ġewwa San Pawl il-Baħar. Iktar tard, fil-kamra tas-sodda tiegħu li kienet tintuza minnu nstabet sapuna raża tal-cannabis flimkien ma numru ta' oġġetti oħra relatati mad-droga. Dawn l-oġġetti nstabu f'postijiet fejn l-imputat bħala l-unika persuna li kienet torqod f'dik il-kamra setgħa faċilment jarahom. In oltre jrid neċessarjament jingħad ukoll li kien huwa stess li minn

jeddu tahom lill-pulizija u iktar tard ammetta għall-pussess xjenti tal-istess fl-istqarrija. Waqt il-proċeduri odjerni minn jeddu u waqt li kien assistiet huwa ħa l-pedana tax-xhieda fejn reġgħa kkonferma, din id-darba bil-ġurament li dawk l-oġġetti kienu kollha tiegħu. Fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi, din il-Qorti hija tal-fehma li deċizament jirrizulta pruvat li l-imputat kien fil-pussess xjenti kemm tas-sustanza tal-pjanta tal-cannabis kif ukoll tar-raża tal-cannabis.

Dak li l-imputat qed jikkontendi u dak li din il-Qorti trid tiddeċiedi huwa jekk l-imsemmija sustanzi kienux intiżi esklussivament għalih jew xort'oħra. Il-prosekuzzjoni qegħda tallega li l-imsemmija sustanzi nstabu f'ċirkostanzi tali li jindikaw li dawn ma kienux intizi esklussivament għalih. Min-naħa l-oħra l-imputat qed isostni li s-sustanzi misjuba kienu intizi biss u esklussivament għall-użu personali tiegħu tant li huwa qatt ma traffika droga.

Fis-sentenza **il-Pulizija vs. Jason Mallia**, deciza fit-2 ta' Settembru 1999, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) irriteniet illi:

> *"Qabel xejn ghandu jigi precisat li mhux korrett li wiehed jghid li biex jikkonfigura r-reat ta' pussess bl-aggravanti kontemplata fl-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap.101 irid ikun hemm provi li juru li l-pussessur kellu l-animus li jispacca d-droga. Jekk tigi ppruvata, mic-cirkostanzi, tali intenzjoni allura certament dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Izda tali intenzjoni mhix mehtiega ghall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu ekslussiv tal-hati."*

L-istess *ratio* gie kkonfermat fis-sentenza **il-Pulizija vs Lawrence Fabri** mghotija ukoll mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) nhar is-27 ta' April 2017. Din is-sentenza għamlet referenza għal eżempji ta' cirkostanzi li jistgħu jiddistingu bejn pussess sempliċi u pussess aggravat.

> "Illi maghmula din id-distinzjoni xorta wahda bhal fil-ligi ingliza l-prova tista issir minn inferenza tac-cirkostanzi tal-kaz fejn il-gurispridenza brittanika tindika hekk.
>
> > *"Evidence from which intent to supply may be inferred will include at least one or, more usually, a combination of the following factors:*
> > * *Possession of a quantity inconsistent with personal use.*
> > * *Possession of uncut drugs or drugs in an unusually pure state suggesting proximity to their manufacturer or importer.*
> > * *Possession of a variety of drugs may indicate sale rather than consumption.*
> > * *Evidence that the drug has been prepared for sale. If a drug has been cut into small portions and those portions are wrapped in foil or film, then there is a clear inference that sale is the object.*

*Drug related equipment in the care and/or control of the suspect, such as weighing scales, cutting agents, bags or wraps of foil (provided their presence is not consistent with normal domestic use).*
*Diaries or other documents containing information tending to confirm drug dealing, which are supportive of a future intent to supply, for example, records of customers' telephone numbers together with quantities or descriptions of drugs.*
*Money found on the defendant. was considered in R v Batt (1994) Crim. LR 592. It is not necessarily evidence of future supply. It may be evidence of supply in the past but on its own the money is not evidence of a future intent to supply.*
*Evidence of large amounts of money in the possession of the defendant, or an extravagant life style which is only prima facie explicable if derived from drug dealing, is admissible in cases of possession with intent to supply if it is of probative significance to an issue in the case R v Morris (1995) 2 Cr. App. R. 69.*
*Extravagant lifestyle, but only when that is of probative significance to an issue in the case."”*

Fir-rigward tal-ammont tad-droga, s-sentenzi mghoti mill-Qrati ta' gurisdizzjoni kriminali dejjem sostnew li dan il-fattur ghandu dejjem jitqies fid-dawl tac-cirkostanzi kollha li fihom id-droga tkun instabet. F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza mghotija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet <u>il-</u>**Pulizija vs. Ernest Briffa** nhar is-26 ta' Jannar 2021 fejn intqal:

> *"Dwar l-ammont ta' droga, dan ghandu jitqies fid-dawl tac-cirkostanzi kollha li fihom tali droga tkun instabet. Fl-Appell Kriminali* ***Il-Pulizija v. Noel Borg*** *deciz fit-12 ta' Frar 2009 intqal:*
>
> > *'Illi kif gie ritenut fl-Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs. Marius Magri' [12.5.2005], dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienetx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. <u>Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur</u>. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan irrigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio" [26.8.1998]). <u>Meta l-ammont tad-droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara. Appell Kriminali</u> : "Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri" [2.9.1999].) Illi*

*pero` kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fatti specji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x' inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli. (App. Krim. "Il-Pulizija vs. Brian Caruana" [23.5.2002]).'"* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Stabbiliti dawn il-prinċipji ġurisprudenzjali, din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tanalizza jekk fil-każ odjern jirrizultax il-pussess aggravat tar-raża u tal-pjanta cannabis jew xort'oħra.

<u>**Pjanta tal-Cannabis** (l-ewwel imputazzjoni)</u>

Din is-sustanza nstabet fil-pussess tal-imputat waqt li kien qed jimxi fi triq San Pawl, ġewwa San Pawl il-Baħar nhar it-3 t'April 2015 fis-sagħtejn u nofs ta' wara nofsinhar. Din is-sustanza kienet fil-but u kienet imqassma f'sitt pakketti ta' piż simili għall-aħħar. Flimkien magħhom instabu rizla paper u sittin Ewro fi flus kontanti. Kemm fl-istqarrija tiegħu rrillaxata lill-pulizija u anke fix-xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti, l-imputat jgħid li l-imsemmija sustanza kienet interament għalih. Fix-xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti huwa jispjega li dakinhar kien sejjer *party* u kien proprju għalhekk li kellu dak l-ammont fuqu. Jispjega ukoll li l-istess sustanza kienet imqassma f'pakketti zgħar bil-għan li jkun jistgħa jikkontrolla kemm jikkonsma billi dak iz-zmien huwa kien maħkum mill-viżżju. Mir-ritratti meħuda jirrizulta ċar li dawn il-pakketti kienu kollha ta' piż simili[8].

Illi l-imputat fix-xhieda tiegħu ma tax dettalji ta' liema *party* kien ser jattendi dakinhar li ġie arrestat mill-pulizija. Jirrizula li nhar it-3 t'April tas-sena 2015 kien il-jum tal-Ġimgħa iżda mhux biss dakinhar kienet festa pubblika tenut kont li kienet il-Ġimgħa l-Kbira. Għaldaqastant huwa ferm improbabli li l-imputat propju dakinhar għall-ħabta tas-sagħtejn ta' wara nofsinhar kien ser jattendi *party.*

[8] Issir referenza għar-ritratt b'referenza FS150483 – DOK15 ASO 112

Jingħad ukoll li dak mistqarr minnu rigward ir-raġuni l-għaliex kien qassam il-ħaxixa f'pakketti żgħar ta' piż simili ma jreġġiex f'din l-istanza. Dan għaliex li kieku kien minnu li huwa kien ser jikkonsma l-ħaxixa kollha li kellu fil-pussess tiegħu ghax kif qal hu "kellu party", ma kien jagħmel l-ebda sens loġiku li huwa stess iqassam il-ħaxixa f'sitt pakketti differenti. Dan għaliex l-aħjar ħaġa li l-imputat setgħa għamel li kieku ried jikkontrolla l-ammont li ser jikkonsma huwa li ma jieħux il-pakketti kollha iżda jieħu biss dak il-pakkett li kien intiz jikkonsma. B'hekk din il-Qorti hija tal-fehma li din is-sustanza ma kinitx intiza unikament u esklussivament għall-imputat. Jingħad ukoll li fir-residenza tiegħu, partikolarment ġewwa l-kamra tas-sodda tal-imputat instabu tlettax-il pakkett ieħor ta' piż simili. Dan l-ammont kunsiderevoli ta' pakketti u ċirkostanzi hawn fuq imsemmija, fil-fehma ta' din il-Qorti huma indikattivi ta' spaċċ u mhux t' użu personali hekk kif iddikjarat mill-imputat.

__**Raża tal-Cannabis**__ __(it-tieni imputazzjoni)__

Illi mill-provi mressqa jirrizulta li l-imputat kien fil-pussess ta' sapuna ta' raża tal-Cannabis fil-piż ta' 262.44g. L-imputat isostni li din is-sustanza kienet ukoll intiża għall-użu personali tiegħu u li kien jikkonsma minnha meta ma jkollux ħaxixa. Għalkemm din is-sustanza instabet fir-residenza tal-imputat l-ammont ta' din is-sustanza kienet wieħed tant kunsiderevoli li minnu nnifsu huwa indikattiv ta' spaċċ u mhux ta' konsum personali. Dan iktar u iktar meta din is-sustanza instabet flimkien ma diversi pakketti tal-cannabis imqassma f'piżijiet simili. Konsegwentament din il-Qorti, anke hawn hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mil-liġi li l-imsemmija sustanza nstabet f'ċirkostanzi li jindikaw li din ma kinitx għall-użu esklussiv tal-imputat.

Għal dak li jirrigwarda __piena__ li għandha tiġi erogata din il-Qorti ħadet kont tas-segwenti fatturi:

- Ic-cirkostanzi u n-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputat inkluz in-natura u l-ammont ta' droga mertu tal-kaz odjern, fejn il-piż tar-raża tal-cannabis kien dak ta' madwar 262g;
- Il-ko-operazzjoni tal-imputat mal-pulizija fl-istadu investigattiv, liema kooperazzjoni ma kinitx relatata biss mat-tfittxija li saret fir-residenza tiegħu iżda li marret oltre u waslet sabiex jitressqu nies oħra l-Qorti. B'hekk il-Qorti ser tieħu kont ukoll tad-dikjarazzjoni tal-uffiċjal prosekutur sabiex l-imputat jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta b'żewġ gradi;
- Il-fatt li din il-Qorti fil-proċeduri odjerni assumiet il-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga a tenur tal-artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u l-

imputat temm b'suċċess il-pjan ta' kura imfassal għalih mill-Bord ta' Rijabilitazzzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-droga;

- Il-fedina penali tal-imputat minn fejn jirrizulta li preċedentament għal każ odjern huwa kellu kundanna relatata ma' reati ta' serq, kif ukoll ix-xhieda tar-reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali a tenur tas-subartikolu 8(6) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta fejn kkonfermat li Borg għad għandu pendenti quddiem il-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali dan il-każ biss.
- Mir-relazzjoni ta' Dr. Roberta Holland jirrizulta kjarament li fiż-żmien tar-reati odjerni l-qua imputat kien dipendenti fuq is-sustanza cannabis. Fil-fatt mid-djanjosi tiegħu rrizulta li d-diżordni fl-użu kien ta' livell sever. Mill-istess relazzjoni irrizulta ukoll li r-reati odjerni kienu relatati mal-istil ta' ħajja tal-imputat li kienet tinkludi d-dipendenza fuq id-droga. B'hekk huwa probabli li d-dipendenza attribwiet b'mod sostanzjali għal kummissjoni tar-reati odjerni li tagħhom huwa ser jinsab ħati.
- Ser tqis ukoll ix-xhieda prodotta mid-difiza li turi indubbjament il-progress sostanzjali li l-qua imputat għamel sabiex jegħleb id-dipendenza tiegħu fuq id-droga. Jibda biex jingħad li Dr. Holland stess fir-relazzjoni tagħha immedjatament tindika li l-impuat kien tejjeb ferm is-sitwazzjoni tiegħu u li minn jeddu għamel passi konkreti u progress konsiderevoli fir-rijabilitazzjoni tiegħu. In oltre mix-xhieda prodotta jirrizulta li l-imputat ħa bis-serjeta' l-karriera tiegħu fejn illum il-ġurnata anke jokkupa l-grad ta' manager. Jidher ukoll li l-imputat qed juri sens ta' responsabilita' kbira. Huwa rnexxielu jaqta' kompletament il-vizzju tad-droga u jgħix ħajja stabbli. Dan il-progress mhux tali ġie kkonfermat mill-bord iżda anke kkonfermat mill-uffiċjal tal-probation li segwieh għal tul il-kawża odjerna.

B'hekk din il-Qorti hija tal-fehma li minkejja ċ-ċirkostanzi u l-ammont ta' droga suġġetti għal proċeduri odjerni huma gravi tant li normalment iġorru piena karċerarja effettiva, fil-każ odjern għandu jkun hemm tnaqqis ta' żewġ gradi (a tenur tal-artikolu 29 tal-Kap. 101). In oltre fid-dawl ta' dak li jistipula l-artikolu 8(7) tal-Kap. 537 għandha tingħata piena alternattiva għal dik ta' priġunerija effettiva u dan bil-għan li Borg ikompli għaddej bl-istabbilita' f'diversi aspetti prinċipali ta' ħajtu li huwa ħadem sabiex jakkwista tul dawn l-aħħar snin.

Għal dawn il-mottivi, din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 8(a), 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, <u>qed issib lil Matthew Borg ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrieh</u>. Konsegwentament din il-Qorti, <u>qed tikkundana lil Matthew Borg għall-piena ta' erbatax-il xahar priġunerija li, b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, ma għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija fi żmien tlett snin millum kif ukoll għall-ħlas ta' multa t'elf u ħames mitt ewro (Eur.</u>

1,500) li b'applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali tista' titħallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mija u ħamsin Ewro (Eur. 150) fix-xahar. F'kaz li l-ħlas ikun ħa jsir b'rati mensili, l-ewwel pagament għandu jsir fi zmien xahar millum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanc jiġi dovut minnufih u jekk dan ma jitħallasx jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

A tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali dina l-Qorti qegħda tordna lill-ħati Matthew Borg sabiex iħallas l-ispejjez fl-ammont ta' Eur. 1,113.35[9] konnessi mal-ħatra ta' l-esperti fil-proċeduri odjerni fi żmien sena millum.

Il-Qorti qed tordna ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-flejjes jew proprjeta' mobbli u immobbli tal-ħati.

Il-Qorti tordna wkoll illi dan ir-reat m'għandux jittieħed in konsiderazzjoni għall-finijiet tal-ħruġ ta' ċertifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta u dan fid-dawl tad-dettami tas-subartikolu 8(8) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fl-aħħar net, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirredigi proces-verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża sa mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem ċar ir-responsabbilita' tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk huwa jikkommetti reat li għalih hemm il-piena ta' priġunerija waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza hawn fuq indikat.

**MAĠISTRAT DR. ELAINE RIZZO B.A., LL.D.**

Christine Farrugia
**Deputat Reġistratur**

---

[9] Eur. 277.11 (relazzjoni tax-xjenzat Godwin Sammut) + Eur 236 (relazzjoni ta' Martin Bajada) + Eur 32.61 (relazzjoni ta' PS Mintoff) + Eur. 97.15 (relazzjoni ta' PS Buhagiar) + Eur. 470.48 (relazzjoni ta' Dr. Holland).